KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wieħed u Sebgħin (71)***

***Il-Ħamis, 19 ta' Jannar, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**71.1 <u>Qari ta’ l-ittri tal-apoloġiji</u>**

71.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta’ apoloġiji.

**71.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

71.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 70 li nżammet nhar it-Tlieta, 19 ta’ Diċembru, 2023.

71.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 70 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

71.2.3 **Mozzjoni 71-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 70.
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Il-Minuti Numru 70 ġew approvati unanimament.

**71.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta’ Pagamenti : Numru 71(08) – Jannar 2024***

71.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 71(08) permezz ta’ *bank transfers* b’referenza numru 11102 sa 11132 kif ukoll cheque bin-numru 7228 sa 7229 (11114-11115) li jammontaw €36,389.56

71.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

71.3.3 **Mozzjoni 70-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 71(08) bl-ammont ta' €36,389.56
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 71(08) ġiet approvata unanimament.

**71.4 <u>Attivitajiet tal-Karnival 2024</u>**

71.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn tkellmet dwar il-preparazzjonijiet li s'issa saru għal Karnival ta' din is-sena. Hija fakkret li l-Kunsill ingħata fondi taħt l-Iskema SPI/SCI/1/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali li jammontaw għal €11,133 fejn ma dawn l-ispejjeż il-Kunsill huwa obbligat li jiffinanzja 15% mal-ammont mgħoti mid-Direttorat.

71.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li s'issa fil-Karnival tat-Tfal ikkonfermaw li se jipparteċipaw ukoll l-Iskola Primarja B taż-Żejtun fejn għaldaqstant in-numru tat-tfal se jammonta għal 640. Din is-sena ir-Reġjun mhux se jkun qed jiffinanzja din l-attivita' iżda se jkun jista' jassisti l-Kunsill fl-organizzazzjoni.

71.4.3 <u>Il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2024 ; Karnival tat-Tfal</u>: Bħala rotta se tkun qed tinbidel ftit wara diskussjoni mal-Kumitat tal-Iskola tagħna. Il-Qofol tal-Karnival tat-Tfal se jkun qiegħed fil-Pjazza Santu Rokku. Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rotta li se jkunu qed jagħmlu t-tfal waqt il-Parata fejn se jkun hemm rotta żgħira għat-tfal żgħar u rotta oħra itwal għal kbar. Il-Parata se tkun akkumpanjata miż-żewġ baned lokali li waħda se tkun fuq quddiem u l-oħra bejn l-iskola tagħna u l-iskola taż-Żejtun. Entertainment se jkun qed jiġi organizzat fuq Santu Rokku filwaqt li se jkun hemm Bubble Show fil-Pjazza għat-Tfal Żgħar. Din is-sena se jkun qed jiżdied ukoll Risk Assessment Report tal-attivitajiet kollha (li hija parti mir-rekwiżiti sabiex ningħataw il-fondi). Dan kollu ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

71.4.4 Rigward il-Carnival Fun Run se jsir kollox bħas-sena l-oħra u l-Kunsill jiffinanzja it-trophies u l-Midalji u l-organizzazzjoni. Din l-attivita' hija maħsuba li ssir is-Sibt 10 ta' Frar wara nofsinhar. Dwar dan il-Kunsill qabel.

71.4.5 Rigward <u>Il-Ħadd 11 ta' Frar 2024</u>: Se ssir l-Attivita' fil-Pjazza bil-Parteċipazzjoni ta' żeffiena. Ikollna bżonn il-barriers fil-Pjazza u għal dakinhar il-Kunsill qabel li jġib ukoll Banda bl-isem Escola del Samba biex tallegra waqt l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

71.4.6 <u>It-Tnejn 12 ta' Frar 2024 u t-Tlieta 13 ta' Frar 2024</u> : Bidu tal-Karnival Spontanju fil-Pjazza. Din is-sena l-Kunsill qabel li jerġa jagħti inċentiv sa massimu ta' €250 lil min japplika għal għajnuna fil-karrijiet. Rigward it-Tlieta il-Kunsill qabel ukoll li jġib banda bl-isem Batuca Beat Band. L-istima għal dawn iż-żewġ baned Brażiljani hija ta' €850 u €800 rispettivament. Dwar dan kollu il-Kunsill qabel unanimament.

71.4.7 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li bħas-snin preċedenti se jkun qed isir riklamar fuq il-paġna soċjali ta' Facebook kif ukoll se jsir għall-ewwel darba din is-sena, riklamar fuq il-fuljett 'Bizzilla'.

**71.5 <u>Xogħlijiet mill-Enemalta madwar il-lokal</u>**

71.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet din il-materja fuq l-Agenda sabiex il-Kunsill ikun infurmat bix-xogħlijiet kollha li qed isiru madwar il-lokal. L-Enemalta bħalissa għaddejja b'xogħlijiet fi Triq il-Barklor, Triq Santa Marija u Triq Maestro F.Atanasio. Inħareġ ukoll permess għal cables tal-Enemalta fi Triq Ħal Tarxien kif ukoll xi xogħlijiet li jwasslu sas-substation ta' Trejqet Santu Kristu.

71.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li x-xogħlijiet tal-Waste Water mill-WSC fi Triq Carmelo Rosario Dimech u Triq l-Andar, Triq il-Gibjun, Triq Ta' Loretu u Triq ir-Raħħal se jibdew ukoll fix-xhur li ġejjin.

**71.6 <u>Korrispondenza</u>**

71.6.1 Tressqet korrispondenza rigward l-appell Nru 00021/24 dwar żvilupp barra mill-konfini tagħna. Il-Kunsill qal li ma jarax li hemm lok għal xi oġġezzjonijiet.

71.6.2 Tressqet korrispondenza dwar Personal Accident Insurance Policy tal-AKL. Il-Kunsill approva.

71.6.3 Tressqet korrispondenza rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus. Il-Kunsill qabel.

71.6.4 Tressqet korrispondenza rigward talba għal mera fi Triq it-Tumbarellu. Il-Kunsill qabel li jagħmilha minħabba s-sigurtà tal-karozzi.

71.6.5 Tressqet talba sabiex issir kurduna fi Trejqet Santu Kristu peress li hemm għalqa fil-baxx u perikoluża mingħajr ilqugh. Il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni.

71.6.6 Tressqet korrispondenza għal xiri ta' kotba 'Karamellu tar-Raħal t'isfel Vol 2'. Il-Kunsill qabel li jixtri 5 kotba għal-Librerija.

71.6.7 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru l-cameras il-ġodda fil-Pjazza iżda mhumiex koperti taħt l-iSkema tad-Dipartiment. Il-Kunsill approva li jsiru żewġ cameras ġodda.

71.6.8 Tressqet korrispondenza mingħand grupp ta' residenti li qed jipproponu li ssir attivita' ta' *Clean up* fiż-żona taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jassisti lil dan il-grupp ta'residenti volontarji billi jissuplixxi l-boroż kif ukoll ingwanti. Is-Sindku ppropona ukoll li jinxtara xi ilma bħal ma nagħmlu f'attivitajiet oħrajn biex jingħataw lil min ikun qed jagħmel dan it-tindif. Il-Kunsill qabel kif ukoll li jieħu ħsieb jarmi l-iskart akkumulat. Is-Sindku qal li se jkun qed jitlob l-assistenza tal-Cleansing u jekk ma jkunx possibbli, il-Kunsill jista' jġib skip biex jintrema l-iskart fiha. Dwar dan il-Kunsill qabel.

71.6.9 Tressqet korrispondenza rigward il-problema ta' rimi ta' skart fi Triq il-Qattus ma Triq Filippo Castagna. Il-Kunsill qabel li jibgħat għall-*enforcement* lill-ERA.

71.6.10 Tressqet korrispondenza sabiex isiru korsijiet organizzati minn TCTC lir-residenti. Il-Kunsill ra li l-ispiża hija eċċessiva u għaldaqstant ma qabilx li jsiru dawn il-korsijiet anki minħabba l-fatt li ma tantx ikollna talbiet għalihom.

71.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tikjarifika punt rigward il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill u l-kontenut taghha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-paġna tal-Kunsill tintuża biss għall-avviżi relatati mal-operat tal-Kunsill jew attivitajiet tal-Kunsill. Kull Kunsillier jista' jtella' fuq il-profil personali tiegħu jew profili oħrajn kontenut relevanti mal-operat tal-Kunsill pero' qatt ma kienet prassi tal-Kunsill li jtella' dan it-tip ta' kontenut fuq il-paġna uffiċċjali. Il-Kunsill qabel li l-paġna tal-Kunsill tibqa' tintuża' biss għall-avviżi.

**71.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

71.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li s-sid tal-lukanda tal-Pjazza jixtieq jisponsorja wieħed mit-trophies tal-Karnival ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel li t-trophies isiru bħas-soltu iżda għas-sena d-dieħla nippruvaw naħdmu fuq trpohies bi 3D printing.

71.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Parkeġġi li kellhom jitneħħew minn Triq il-Gudja minħabba tal-linja jistgħu ma jitneħħewx minħabba li l-parkeġġ tat-trasport pubbliku issa se jkun qed jgħaddi minn direzzjoni waħda.

71.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand sidien ta' garaxx biex isir double yellow line faċċata biex ikollhom iktar aċċess biex joħorġu mill-garaxx. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitneħħa l-parking ta' faċċata iżda għandu jsir *double line* ta' metru mal-ġenb tal-garaxx.

71.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li wieħed mill-ħaddiema qala' ċitazzjoni ta' *overspeeding* waqt li kien sejjer il-Belt bir-rigali li nġabru tar-'Rigal bi Mħabba'. F'dan il-każ il-Kunsill iħoss li għalkemm kien qiegħed jagħmel xogħol assenjat lilu, ma jiġġustifikax li tikser ir-regoli tat-traffiku.

71.7.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar it-tabelli tal-ispeed limit tas-service road u jekk għandhomx jitnaqqsu iktar. Il-Kunsill qabel li tabelli ta' 30km/h huma skond kif titlob il-liġi f'toroq residenzjali.

**71.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

71.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet biex tinġieb kwotazzjoni sabiex titnaddaf l-għalqa li hemm fi Triq il-Qattus.

71.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet biex tintbagħat reminder dwar it-talba tal-*one way* ta' Triq il-Qattus u Triq il-Bwar.

71.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet biex tintbagħat reminder dwar il-proġett ta' Project Green li kienu se jinżergħu is-siġar f'diversi postijiet indikati mill-Kunsill.

71.8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment dwar l-ammont ta' ħmieġ tal—klieb li qed ikun hemm fuq il-bankini. Hija pproponiet li jittella' avviż fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill.

71.8.5 Il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li fiż-żona fejn hemm il-Maypole, il-parking spaces jiġu slanting. Il-Kunsill m'approvax minħabba li jistgħu ikunu perikolużi.

71.8.6 Il-Kunsilliera Rose Agius talbet li jsir ftit patching fi Triq ir-Rebbiegha, fis-service road, u fi Triq id-Dejl.

71.8.7 Il-Kunsilliera Rose Agius fakkret biex isir id-double yellow line fi Triq Garakol.

71.8.8 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar it-tender tal-bdil tat-turf tal-ground tal-Bypass. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jinħareġ it-tender fil-jiem li ġejjin.

71.8.9 Il-Kunsillier Keith Fenech informa lill-Kunsill li llum kien hemm l-ewwel meeting tal-EPRT tal-appell rigward il-Fabbrika tan-Nar ta' Ħal Tarxien fejn kien preżenti. Huwa taha rendikont tal-kontenut tal-laqgħa u qal li se jinformawna bil-meeting li jmiss.

71.8.10 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar rigward il-lampi ta' Triq Ħas Saptan li għadhom mhux jixgħelu. Is-Sindku qal li se jmur fuq il-post biex jara liema huma.

71.8.11 Il-Kunsillier Anthony Vella qal li se jkun qed jgħid lill-ħaddiema jirranġaw ftit ir-rampa ta' quddiem il-Każin ta' Santa Marija biex tiġi iktar aċċessibbli.

71.8.12 Il-Kunsillier Anthjony Vella qal li hemm bżonn jerġa' jsir id-double line li kien hemm quddiem il-Kappella San Filippu. Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma jaqbilx li jsir minħabba li hemm nuqqas kbir ta' parking fiż-żona. Il-kumplament tal-Kunsill qabel li jsir.

71.8.13 Il-Kunsillier Anthony Vella propona li fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Filippu ma jibqax parking bays imma isiru xi ftit bankijiet bi pjanti. Il-Kunsill qabel li jġib xi kwotazzjonijiet.

71.8.14 Il-Kunsillier Anthony Vella qal li qed ikollu ħafna ilmenti dwar ix-xogħlijiet li saru minn IM fi Triq San Bastjan u li dan qed joħloq inkonvenjenzi kbar lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilment ġie mgħoddi lis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli kif kien ġie diskuss fil-laqgħa li kellna fil-Kunsill.

71.8.15 Il-Kunsillier Anthony Vella qal li din is-sena se jkun qiegħed jaħdem biex jerġa' jsir it-Tberik tal-Annimali u forsi anki jingħataw xi mementos. Huwa qal li se jiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said biex jiddiskuti magħha dwar xi għajnuna li nistgħu ningħataw.

71.8.16 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet ukoll li jiġi kkunsidrat student li għamel teżi fuq Ħal Għaxaq u forsi jingħata xi rikonoxximent waqt Jum Ħal Għaxaq.

**71.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

71.9.1 Annessi mal-Minuti

**71.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

71.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar Tnejn, 19 ta' Frar 2024 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 71**

**Mozzjoni Ref:** 71-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 70

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 18 ta' Jannar 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 71**

**Mozzjoni Ref:** 71-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 71-08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 18 ta' Jannar 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**